# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' April, 2025**

**Numru 2**

**Rikors numru 419/2014/1 JRM**

**Oliver Ruggier**

**v.**

**L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Frar 2016 li biha sabet illi l-azzjoni attriċi ma tiswiex peress li saret bi ksur ta' dak li jitlob l-ewwel subartikolu tal-art. 460 tal-kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-fatti li wasslu għall-każ tallum ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Illi l-fatti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża juru li fis-7 ta' Awissu, 1996, l-attur tefa' applikazzjoni mal-Awtorità mħarrka għal żvilupp ġewwa

proprjeta' fi Triq Sant'Andrija, Sqaq Numru 1, Ħal Lija. L-applikazzjoni kienet iġġib in-numru 4736/96;

»Illi l-Awtorità mħarrka tgħid illi l-politika tal-Pjan ta' Struttura ilha fis-seħħ sa mis-sena 1992 u dak propost mill-applikant fl-applikazzjoni tiegħu bħala żvilupp kien imur kontra dak permissibbli fil-Pjan ta' Struttura kif kien dak iż-żmien fis-seħħ;

»Illi fis-sena 1998 l-Awtorità talbet lill-attur iressaq pjanti riveduti sabiex jiġi konformi mal-politika tal-Arja ta' Konservazzjoni Urbana (AKU), u kien biss fis-sena 2006 illi dawn il-pjanti tressqu. Madankollu, l-Awtorità qieset li l-pjanti ma kinux konformi għal darb'oħra mal-politika tal-Pjan ta' Struttura, kif ukoll mal-Pjan Lokali li laħaq daħal fis-seħħ fis-sena 2006;

»Illi l-applikazzjoni tal-attur ġiet miċħuda mill-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp fl-10 ta' Awwissu 2007;

»Illi l-attur appella kemm quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell. Fiż-żewġ istanzi, it-talbiet tal-attur ġew miċħuda;

»Illi fil-15 ta' Mejju, 2014 l-attur fetaħ din il-kawża;«

3. Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur talab lill-qorti sabiex:

»i. Tiddikjara li l-applikazzjoni għall-iżvilupp bin-numru PA 4736/96 intitolata "*to erect one apartment and one common garage*" ma ħaditx il-kors naturali tagħha, u / jew li ma' sarx u / jew ma' seħħx dak li wieħed għandu jistenna (*legitimate expectation*), minn Awtorita li hija l-entita vestita bil-liġi sabiex tiddeċiedi applikazzjonijiet ta' żvilupp;

»ii. Tiddikjara li l-applikazzjoni għall-iżvilupp bin-numru PA 4736/96 intitolata "*to erect one apartment and one common garage*" ma' ġietx aċċettata u / jew il-permess ta' żvilupp sopraċitat ma' inħariġx, minħabba għaġir u / jew komportament u / jew nuqqas u / jew negliġenza, mputabbli, fost oħrajn, lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp;

»iii. Tiddikjara li, f'każ li l-applikazzjoni għall-iżvilupp bin-numru PA 4736/96 intitolata "*to erect one apartment and one common garage*" ma ġietx aċċettata u / jew il-permess ta' żvilupp sopraċitat ma' inħariġx, mhux għal raġuni direttament imputabbli lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, iżda minħabba aġir u / jew komportament u / jew nuqqas u / jew negliġenza ta' xi uffiċjal tal-Awtorità u / jew impjegat tal-Awtorità u / jew ta' xi entita oħra, r-responsabbilta għandha tkun attribwita lill-istess Awtorità, stante li hija waħda vikarja u per konsegwenza għandha tiġi ritenuta responsabbli.

»Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa stess inġunta in subizzjoni«

4. L-Awtorità intimata ressqet diversi eċċezzjonijiet, fosthom eċċezzjoni preliminari f'dan is-sens:

»1. Illi preliminarjament, in-nullita' tal-azzjoni attriċi a tenur tal-artikolu 460 tal-Kap 12, stante li l-istess azzjoni ma ġietx preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest kif meħtieġ *ad validatem* mill-liġi.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità mħarrka u ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex saret bi ksur ta' dak li jitlob l-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk qiegħda teħles lill-istess Awtorità mħarrka milli tibqa' aktar fil-kawża, bi spejjeż għall-attur.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»***Ikkonsidrat:***

»Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar ilment marbut ma' dewmien min-naħa tal-Awtorità mħarrka milli tipproċessa u tapprova applikazzjoni għal żvilupp mitluba mill-attur. L-attur jgħid illi, wara dak id-dewmien kollu, l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda, u jqis li, kieku ma kienx hemm dan id-dewmien, l-applikazzjoni kienet tintlaqa'. Huwa jitlob li l-Qorti ssib ħtija fl-Awtorità u, f'każ li l-ħtija tirriżulta f'xi impjegat tagħha, dik il-ħtija tiġi mgħoddija fuq l-Awtorità peress illi hija waħda responsabbli vikarjament għal dak li jagħmlu, jew jonqsu milli jagħmlu, l-impjegati tagħha;

»Illi għal din l-azzjoni, l-Awtorità mħarrka laqgħet b'eċċezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari, qalet li qabel ma nfetħet din il-kawża, l-attur naqas li jressaq att ġudizzjarju fi żmien ta' minn tal-anqas għaxart ijiem, u li dan imur kontra d-disposizzjoni tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Illi s-sentenza tal-lum qiegħda tingħata dwar din l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

»Illi minkejja li l-eċċezzjoni hi, fin-natura tagħha, waħda ta' sura legali, jkun xieraq li jissemmew xi fatti rilevanti li jgħoddu għall-każ. Dan qiegħed jingħad ukoll minhabba li, f'xi każijiet, ikun xieraq li qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis eċċezzjoni bħal din, ikollha quddiemha imqar il-qafas taċ-ċirkostanzi li jgħinha ssawwar fehma mad-daqqa t'għajn tal-istedina li tkun qiegħda ssirilha min-naħa tal-Awtorità mħarrka li qanqlet eċċezzjoni ta' din l-għamla.

»…

»…

»…

»Illi dwar il-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jrid li l-ebda att ġudizzjarju li bih jinbeda proċediment ma jista' jitressaq u ebda proċediment ma jista' jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi Awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' uffiċjali tagħha qabel ma jgħaddu għaxart ijiem min-notifika b'ittra uffiċjali jew protest li jfissru b'mod ċar il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, Awtorità jew persuna bħal dak;

»Illi hemm qbil li l-attur ma bagħat ebda interpellazzjoni ġudizzjarja lill-Awtorità mħarrka qabel ma fetaħ din il-kawża. Madankollu, il-kawża nfetħet wara li sar appell mid-deċiżjoni maqtugħa mit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta' Ġunju, 2012 fuq allegazzjonijiet marbuta ma' abbuż amministrattiv, quddiem il-Qorti tal-Appell, liema appell ġie mwarrab bis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2013, għaliex qisitu li ma jaqax taħt il-mansjoni tagħha;

»Illi l-mistoqsijiet li jqumu f'każ bħal dan huma tlieta. L-ewwel waħda hi (i) jekk l-Awtorità mħarrka għandhiex titqies bħala soġġetta għad-disposiżżjoni tal-artikolu 460; it-tieni hi (ii) jekk il-proċedura tal-appell imressqa mill-attur kontra l-istess Awtorità hijiex minnha nfisha biżżejjed biex tegħleb dak mitlub taħt l-artikolu 460(1); u t-tielet mistoqsija hi (iii) jekk f'każ bħal dan jibqax jgħodd l-artikolu 460(1) jew jekk jidħlux fis-seħħ l-eċċezzjonijiet tal-artikolu 460(2). Il-Qorti għaldaqstant sejra tqis kull mistoqsija skond l-ordni fuq imsemmija;

»Illi dwar <u>l-ewwel mistoqsija</u>, l-attur jikkontesta li l-Awtorità mħarrka taqa' taħt il-kappa ta' "*persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha*". L-għaref difensur tal-attur jisħaq illi l-Awtorità mhijiex waħda mill-entitajiet li għalihom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu, u għalhekk jgħid li ma kienx hemm bżonn li l-attur jinterpellaha b'att ġudizzjarju biex l-azzjoni tiegħu tkun tgħodd. Min-naħa tagħha, l-Awtorità tistrieħ fuq il-fatt li f'kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju il-Qrati dejjem qiesu lill-Awtorità bħala Awtorità pubblika. Tgħid ukoll illi l-Awtorità hija mwaqqfa b'liġi u hija mogħtija setgħat ta' Awtorità pubblika, u twettaq funzjonjiet pubblici;

»Illi dwar dan il-punt, f'għadd ta' sentenzi li ngħataw marbuta mat-tifsir ta' dan l-artikolu tal-liġi, il-Qrati mhux dejjem kienu tal-istess fehma: filwaqt illi xi drabi l-Qrati laħqu affermaw li l-Awtorità mħarrka għandha titqies bħala waħda mill-korpi li għalihom jgħodd l-artikolu 460 tal-Kap 16, bl-istess mod, f'każijiet oħra intefa' dubju fuq kemm l-Awtorità tista' taqa' taħt id-disposizzjoni tal-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12;

»Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-Awtorità imħarrka twettaq funzjonijiet pubbliċi u tħaddan kwalita' ta' Awtorità pubblika b'kariga pubblika. Taqbel għaldaqstant ma' dak li jgħid l-abbli diffensur tal-Awtorità mħarrka illi li kieku ma kienx hekk, kieku l-azzjoni tal-atturi taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ma kinitx tista' titressaq għaliex l-istħarriġ ġudizzjarju jsir biss fir-rigward ta' għemil amministrativ ta' Awtorità pubblika. Għaldaqstant bħal fil-każ ta' entitajiet oħrajn mogħnija b'setgħat ta' Awtorità pubblika u maħluqa b'liġi, l-Awtorità għandha titqies bħala waħda mill-korpi li għalihom jgħodd l-artikolu 460 tal-Kap 12;

»Illi dwar *it-tieni mistoqsija* għandu jingħad li waqt it-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni, l-għaref difensur tal-Awtorità mħarrka argumenta li ma tressqet l-ebda interpellazzjoni ġudizzjarja qabel infetħet il-kawża, rekwiżit li fin-nuqqas tiegħu jwassal għan-nullita' tal-proċeduri. Min-naħa tiegħu, l-għaref difensur tal-attur saħaq li għalkemm ma kien hemm ebda interpellazzjoni b'ittra uffiċjali jew protest, l-Awtorità mħarrka kienet taf b'din il-proċedura għaliex saħansitra sar appell kontriha quddiem il-Qorti tal-Appell wara d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar u li fih hija ilmentat wkoll mill-abbuż amministrattiv min-naħa ta' l-Awtorità. Huwa żied jargumenta li l-atti kollha li tressqu matul dawk il-proċedimenti kienu lkoll atti ġudizzjarji li jissodisfaw il-vot tal-att ġudizzjarju mitlub mill-artikolu 460(1);

»Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta' talba ġudizzjarja qabel tista' tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. Bħala tali, din ir-regola tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha kontra l-amministrazzjoni pubblika. Hija regola iebsa li teżigi li tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-Awtorità pubblika fejn din tista' tibqa' miexja 'l quddiem. Jibqa' dejjem li dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti ex ufficio. Jingħad ukoll illi min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu, u li tali azzjoni titressaq kontra dik l-Awtorità li tkun giet interpellata;

»Illi minn qari xieraq ta' kliem il-liġi, jissemma x'għandu jitlob att ġudizzjarju li għalih jgħodd l-artikolu 460(1). Il-liġi tgħid li f'dak l-att "il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar". B'dan, il-Qorti tifhem li mhux kull att ġudizzjarju jkun jgħodd bħala 'twissija' lill-Awtorità pubblika għall-finijiet tal-imsemmi artikolu, iżda trid issir talba jew interpellazzjoni li tfisser sewwa x'inhu l-ilment li l-mittenti jistenna li l-Awtorità intimata tindirizza;

»Illi l-abbli difensur ta' l-attur iżid jgħid li f'dan il-każ, l-att (jiġifieri r-Rikors Maħluf) mhux biss tressaq, imma tħalla mir-Reġistratur tal-Qrati jimxi 'l quddiem tant li assenjah bħala kawża biex tinstema' minn din il-Qorti. Huwa jkompli jgħid illi dan jista' jkun indikattiv ħafna jekk fil-fatt dan jurix li l-att promotur tal-attur mhux milqut minn nullita';

»Illi filwaqt illi dak li jgħid d-difensur ta' l-attur huwa kollu minnu, il-Qorti tibqa' tal-fehma illi l-fatt waħdu li r-Reġistratur tal-Qorti (forsi bla ma biss intebah li qiegħed imur kontra dak li tgħid il-liġi) laqa' għandu u mexxa 'l quddiem ir-Rikors Maħluf tal-attur, ma jġibx jiswa dak li b'rieda espressa tal-liġi ma jiswiex sa mill-bidu tiegħu;

»Illi huwa minnu illi l-iskop wara l-interpellazzjoni meħtieġa kontra l-Gvern hija maħsuba biex l-Gvern jew l-entitajiet pubbliċi jkunu jafu b'dak li qed jilmenta minnu l-attur, u għaldaqstant anke toħloq possibilta illi

jintlaħaq ftehim u tiġi evitata kawża bla bżonn, iżda minn naha l-oħra l-liġi hija preċiza dwar liema mill-atti ġudizzjarji l-imħarrek għandu jiġi interpellat bihom, l-ittra uffiċjali jew protest. Għaldaqstant rikors ta' appell ma huwiex wieħed minnhom. Kien ikun ferm differenti kieku l-kliem tal-liġi kien jirreferi għal "att ġudizzjarju", f'liema każ l-argument imressaq mill-attur kien ikollu aktar saħħa fl-isfond taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ;

»Illi dwar it-<u>tielet mistoqsija</u> l-Qorti tosserva li, waqt it-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni, l-għaref difensur tal-Awtorità mħarrka argumenta li l-każ ta' llum ma jaqa' taħt l-ebda wieħed mill-każijiet imsemmija fl-artikolu 460(2), u għaldaqstant tapplika r-regola stabbilita fl-ewwel subinċiż. L-għaref difensur tal-attur, min-naħa l-oħra, jgħid illi għar-regola msemmija fl-artikolu 460(1) tal-Kap 12 hemm eċċezzjonijiet imfissra fis-sub-artikolu (2) u waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet hija sewwasew fil-każ ta' azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Huwa jgħid illi għalkemm dan il-każ mhux wieħed kostituzzjonali, il-proċedura taqa' taħt l-ambitu u l-ispirtu tal-imsemmi artikolu;

»Illi l-Qorti tirreferi għas-sottomissjonijiet tal-għaref difensur tal-attur fejn jgħid illi " *.. l-perkors li ħadet din il-kawża hija sabiex inizjalment jiġi iddikjarat o meno jekk hux minnu li l-Awtorità aġixxiet b'mod li ħolqot dewmien eċċessiv u eżaġerat, u sussegwentement tiġi intavolata proċedura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tagħti rimedju għal dak preċedentement dikjarat*";

»Illi, fil-fehma tal-Qorti, il-proċeduri li għandha quddiemha huma dawk marbuta ma' stħarriġ ta' att amministrattiv u mhux ta' natura kostituzzjonali. Ir-rimedju li qed jitlob l-attur mhux wieħed ta' natura kostituzzjonali, iżda limitatament għal wieħed ta' sejbien ta' ħtija min-naħa tal-Awtorità mħarrka. B'dan il-mod, il-Qorti tqis li l-azzjoni li beda l-attur ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-azzjonijiet li jissemmew fl-artikolu 460(2) tal-Kap 12 u għaldaqstant, hu x'inhu l-għan aħħari li l-attur għandu f'moħħu li jilħaq b'xi eventwali proċeduri ta' sura oħra, din il-kawża hija waħda li, qabel il-bidu tagħha, titlob li jitħarsu l-proċeduri msemmija fl-artikolu 460(1);

»Illi ladarba dawn ma tħarsux, l-azzjoni ma tiswiex. Joħroġ ukoll li t-tweġiba għat-tliet mistoqsijiet li saru tmur dejjem kontra t-teżi attriċi u favur dik tal-Awtorità mħarrka;

»Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari jistħoqqilha tintlaqa';«

7. L-attur appella b'rikors tas-16 ta' Marzu 2016 li għalih wieġbet l-Awtorità intimata fit-22 ta' Marzu 2016.

8. Peress li ż-żewġ aggravji tal-attur huma ntrinsikament marbutin ma' xulxin dawn ser jiġu kkunsidrati flimkien.

9. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-attur jgħid illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ddikjarat illi l-azzjoni attriċi ma tiswiex peress li saret bi ksur tal-ewwel subartikolu tal-art. 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Skont hu l-Awtorità appellata kienet taf bil-pretensjoni tiegħu qabel ma nfetħu l-proċeduri tallum u ngħatat żmien biżżejjed sabiex toffri rimedju jew soluzzjoni għat-tilwima li nqalgħet.

11. L-ewwel qorti, għalhekk, kien imissha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità appellata peress li "*ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur li dan l-artikolu jintuża bil-mod ta' kif qiegħed jintuża fil-każ in diżamina u cjoe' li minkejja li l-Awtorità ... ġiet infurmata bil-pretensjoni, qed tressaq u teċepixxi n-nullita tar-rikors promotur ... mhux sabiex bħala entita li tifforma parti mill-eżekuttiv tassigura li inġustizja tiġi trattata b'mod ġust u ekwu, iżda biss u sabiex aġir abbużiv u negliġenti da parti ta' l-istess awtorita jintradam darba għal dejjem.*" [1]

12. Fit-tieni aggravju tiegħu l-attur jgħid illi d-deċiżjoni tal-ewwel qorti hija wkoll żbaljata peress li hija għal kollox sproporzjonata. Fi kliem l-attur appellant "*is-sitwazzjoni [li ma ntbgħatitx ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju lill-Awtorità appellata qabel ma nfetħu l-proċeduri tallum] ma ħolqot l-ebda preġudizzju, ma kellha l-effett prattiku, ma ħoloq l-ebda vantaġġ lil ħadd, u*

[1] Ara *fol*. 91

*per konsegwenza d-deċiżjoni li r-rikors promotur jiġi dikjarat bħala null u bla effett huwa għal kollox sproporzjonat.*" [2]

13. L-ewwel aggravju tal-attur ġie mfisser hekk:

> »Illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha inter alia tgħid:
>
> »"*Illi huwa minnu illi l-iskop wara l-interpretazzjoni meħtieġa kontra l-Gvern hija maħsuba biex l-Gvern jew l-entitajiet pubbliċi jkunu jafu b'dak li qed jilmenta minnu l-attur, u għaldaqstant anke toħloq possibilita illi jintlaħaq ftehim u tiġi evitata kawża bla bżonn, iżda minn naħa l-oħra l-liġi hija preċiża dwar liema mill-att ġudizzjarji l-imħarrek għandu jiġi interpellat bihom, l-ittra uffiċjali jew protest. Għaldaqstant rikors ta' appell ma huwiex wieħed minnhom. Kien ikun ferm differenti kieku l-kliem tal-liġi kien jirreferi għal "att ġudizzjarji", f'liema każ l-argument imressaq mill-attur kien ikollu aktar saħħa fl-isfond taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ;*"
>
> »(ara deċiżjoni tal-Prim'Awla – paġna 7 – tieni paragrafu)
>
> »Kif diġa ġie ampjament spjegat quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-pretensjoni tal-appellanti ġiet spjegata aktar minn darba permezz ta' diversi atti ġudizzjarji, kif ġej:
>
> »***L-EWWEL*** *Nota ta' sottomissjonijiet intavolata in atti nhar is-17 ta' Settembru 2007 tal-każ bin-numru 229/07/CF fl-ismijiet "Oliver Ruġġier kontra l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (Tribunal ta' reviżjoni ta' l-ambjent u l-ippjanar) "Jekk qatt kien hemm każ fejn il-MEPA affetwat inġustizzja permezz ta' tkaxkir inaċċettabbli u li wasal ċertament, għal riżultat negattiv, apparti ir-raġunijiet ta' ippjanar li ser nirribattu aktar tard, hu propju dan il-każ."*
>
> »***IT-TIENI*** *Deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar datata 21 ta' Ġunju 2012 fil-każ bin-numru 229/07/CF fl-ismijiet "Oliver Ruġġier Kontra l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar";*
>
> »*"Fir-rigward tal-allegatament tkaxkir fl-ipproċessar tal-applikazzjoni (madwar ħdax-il sena), jiġi relevat mill-file PA 4736/96 li hemm diskontinwita' fl-ipproċessar tal-applikazzjoni bejn it-2 ta' Frar 1998 u l-1 ta' Settembru 2003"*
>
> »***IT-TIELET*** *Rikors tal-appell bin-numru 110/2012 (wara d-deċiżjoni maqtugħa mit-Tribunal nhar il-21 ta' Ġunju 2012 bin-numru 229/07/CF) ta' Oliver Ruġġier intavolat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri):*
>
> »***It-Tieni aggravju: dewmien illegali u abbużiv***

[2] Ara *fol*. 92

»*Illi huwa prinċipju magħruf li lex dilationes abhirret – u jekk hemm każ fejn id-dewmien wassal li persuna tiġi żvestita minn dritt li kien jappartjeni lilha huwa preċiżament il-każ de quo;*

»*Illi b'mod unortodos għall-aħħar, it-tribunal issanzjona aġir u attitudni ta' l-Awtorità li hija abbużiva u illegali u dana peress li l-Awtorità użufruwiet minn sitwazzjoni li ħolqot hi stress sabiex tkun f'pożizzjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni tal-applikant;*

»*Illi ġustizzja għandha issir ma' kull persuna u kif mitqal sew fil-lingwa Latina justita nemini neganda est – it-tribunal kellu dan l-obbligu, li iżda iddeċieda li jiskarta u minflok iżewweġ l-argumenti tal-Awtorità, bl-applikant jisfa vittma għal darb'oħra;"*

»***IR-RABA'*** *Nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-appell bin-numru 110/2012 (wara d-deċiżjoni maqtugħa mit-Tribunal nhar il-21 ta' Ġunju 2012 bin-numru 229/07/CF) intavolata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri):*

»*"Illi in oltre fir-rigward tal-allegat tkaxkir fl-ipproċessar tal-applikazzjoni in kwistjoni, l-esponenti terġa tagħmel referenza għall-osservazzjoni illi għamel l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza mertu ta' dan l-appell, ossia illi "jekk xejn f'ħames snin bejn is-sena 1998 u l-2003, l-appellant kellu jippreżenta pjanti ġodda li ma' jirriżultax li qatt ġew ippreżentati.*

»*Illi fi kwalunkwe każ dan l-allegat dewmien jikkonċerna aspett fattwali tal-każ illi ġia ġie trattat u deċiż mit-Tribunal u dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex il-ġurisdizzjoni illi tissindika d-deċiżjoni tat-Tribunal fuq dan il-punt";*

»***Il-ĦAMES*** *Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) datata 9 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet "Oliver Ruġġier kontra l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (Appell nru. 110/2012);*

»*"Id-dewmien tal-Awtorità li tiddeċiedi li l-każ u r-raġuni warajha ma jistgħux ikunu soġġetti għal skrutinju quddiem din il-Qorti li l-mansjoni tagħha hi biss li tisma' appelli fuq punti ta' liġi mqajna"*

»Illi tajjeb li jingħad li l-ġurisprudenza nostrana aċċettat li fejn jidħlu proċeduri kontra l-Gvern jew xi Awtorità pubblika, trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħdija ta' żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, Awtorità jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju;

»Iżda kif intqal ben tajjeb fid-deċiżjoni "**Corinne Ward vs Foundation for Medical Services**;",

»*"Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma għoddux għal daqshekk"*

»Dan ifisser li fil-każ in diżamina, ġialadarba l-interpellazzjoni saret permezz ta' att ġudizzjarju, għandu jkun biżżejjed sabiex jissodisfa l-kriterju ta' artikolu 460 tal-Kap. 12, anka għaliex l-Awtorità kienet infurmata permezz ta' diversi atti ġudizjarji, u minflok ħadet l-opportunita' li tipprova ssolvi jew issib soluzzjoni dwar dan, dejjem

irrespinġiet dak imqajjem – issa huwa inġust bil-bosta li qed tgħid li ma' kienx hemm interpellazzjoni.

»Illi in oltre, f'każ ieħor fejn ġiet trattata l-istess kwistjoni, senjatament "**Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija, Professur Peter Xuereb et vs. Awtorità ta' Malta dwar il-komunikazzjoni et**", l-Onorabbli Qorti kompliet tespandi l-insenjament dwar artikolu 460, fejn inter alia intqal li,

»"*Fil-każ tal-lum, l-Awtorità in kwistjoni kienet ġiet infurmata bi protest ġudizzjarju dwar il-pretensjoni mertu ta' din il-kawża. Li ġara kien li l-protest ġudizzjarju kien kien ippreżentat sar mill-kunsill lokali biss u mhux ukoll mill-atturi l-oħra. Madanakollu huwa evidenti li l-atturi kollha inkluż il-kunsill lokali għandhom l-istess pretensjonijiet. Għalhekk ma jistax jiġi allegat li l-Art. 460 tal-Kap. 12 ma kienx sodisfatt bil-protest ġudizzjarju tal-Kunsill Lokali. Li kieku l-pretensjonijiet tad-diversi atturi kienu differenti, seta' sar l-argument li l-Art. 460 ma kienx osservat, iżda ladarba kienet determinata l-komunanza tal-interess tal-atturi kollha, allura l-bażi tal-eċċezzjoni ma treġix. Barra minn hekk, id-disposizzjoni tal-liġi ma tikkwalifikax li huwa rekwiżit ad validitatem illi kull persuna li tkun ser tieħu azzjoni għandha tippreżenta notifika uffiċjali lill-entita governattiva. Il-liġi tistipola biss li l-entita' governattiva għandha tirċievi notifika ġudizzjarja jiem qabel ma tiġi ppreżentata kawża u mhux li din għandha tintbgħat minn kull parti li tkun beħsiebha tipproċedi ġudizzjarjament fuq l-istess kwistjoni."*

»Qabel xejn irid jingħad li b'mod konsistenti l-Onorabbli Qorti anka f'dan il-każ tkelmet dwar "notifika uffiċjali" u / jew "notifika ġudizzjarja", u żgur li ma għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittex id-drittijiet tiegħu fil-Qrati. In oltre, l-emfażi li qiegħed isir f'dan il-każ mhux dwar kif il-messaġġ interpelatorju wasal (jew min waslu), iżda l-aktar element importanti huwa li l-messaġġ wasal, u entru t-terminu, għand l-Awtorità in kwestjoni; .

»Huwa minnu l-Awtorità appellata għandha privileġġ (meta imqabbla ma' ċittadin ordinarju) li tkun magħrufa bil-pretensjonijiet u li dawn għandhom jiġu mfissra b'mod ċar qabel dawna jispiċċaw fuq ħoġor il-Qrati tagħna – iżda pero' ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur li dan l-artikolu jintuża bil-mod ta' kif qiegħed jintuża fil-każ in diżamina u cjoe' li minkejja li l-awtorita (u hawn si tratta inter alia ta' nota intavolata in atti) ġiet infurmata bil-pretensjoni, qed tressaq u teċepixxi n-nullita' tar-rikors promotur (miżura drakonjana) mhux sabiex bħala entita li tifforma parti mill-eżekuttiv tassigura li inġustizzja tiġi trattata b'mod ġust u ekwu, **iżda biss u sabiex aġir abbużiv u negliġenti da parti ta' l-istess Awtorità jintradam darba għal dejjem**;«

14. L-Awtorità appellata wieġbet hekk għal dan l-ewwel aggravju tal-attur:

»Hawnhekk l-appellant jikkritika dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti tal-prim istanza osservat dan li ġej:-

»"*Illi huwa minnu illi l-iskop wara l-interpellazzjoni meħtieġa kontra l-Gvern hija maħsuba biex l-Gvern jew l-entitajiet pubbliċi jkunu jafu b'dak*

*li qed jilmenta minnu l-attur, u għaldaqstant anke toħloq possibilta illi jintlaħaq ftehim u tiġi evitata kawża bla bżonn, iżda minn naħa l-oħra l-liġi hija preċiża dwar liema mill-atti ġudizzjarji l-imħarrek għandu jiġi interpellat bihom, l-ittra uffiċjali jew protest. Għaldaqstant rikors ta' appell ma huwiex wieħed minnhom."*

»L-appellant jargumenta li l-pretenzjoni tiegħu fil-konfront tal-Awtorità "ġiet spjegata aktar minn darba" u dan "permezz ta' diversi atti ġudizzjarji" li lkoll jirreferu għall-proċeduri tal-appell istitwiti mill-istess appellant, a tenur l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, kontra deċiżjoni tal-Awtorità tal-10 ta' Awwissu 2007, li permezz tagħha l-istess Awtorità ċaħdet l-applikazzjoni għall-iżvilupp li ġġib ir-riferenza PA 4736/96.

»F'dan ir-rigward, l-appellant jagħmel riferenza: (1) għan-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnu quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fl-atti tal-appell bin-numru 229/07 CF fl-ismijiet "Oliver Ruġġier kontra l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"; (2) id-deċiżjoni mogħtija mill-istess Tribunal nhar il-21 ta' Ġunju 2012 fir-rigward tal-imsemmi appell fl-ismijiet "Oliver Ruġġier kontra l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"; (3) ir-rikors tal-appell bin-numru 110/2012 MCH ippreżentat mill-istess appellant quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) wara d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal nhar il-21 ta' Ġunju 2012); (4) in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Awtorità esponenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-atti tal-imsemmi appell bin-numru 110/2012 MCH; u (5) d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Ottubru 2013 fir-rigward tal-imsemmi appell numru 110/2012 MCH fl-ismijiet "Oliver Ruġġier kontra l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar".

»Dan l-aggravju huwa, bir-rispett kollu, manifestament infondat. Ir-regola stabbilita fl-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, m'hijiex dik li persuna tfisser "aktar minn darba" il-pretenzjoni tagħha permezz ta' "diversi atti ġudizzjarji" imressqa fi proċeduri li ma jkollhom x'jaqsmu xejn mal-azzjoni ġudizzjarja li tinbeda kontra l-Gvern, Awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni (għajr għall-Kummissjoni Elettorali) jew persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' uffiċjali tagħha.

»Ir-regola tal-interpellazzjoni ġudizzjarja stabbilita fl-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-osservazzjoni tagħha hija meħtieġa sine qua non sabiex tkun tista' tinbeda, u titmexxa l-quddiem, kawża jew proċediment ġudizzjarju ieħor, kontra l-Gvern, Awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni (għajr għall-Kummissjoni Elettorali) jew persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' uffiċjali tagħha, hija mfissra kif ġej:-

»*"**460.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi Awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-Awtorità jew persuna kif intqal qabel, **ta' ittra uffiċjali jew ta' protest** li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar."*

»L-appellant jsostni li "*ġialadarba l-interpellazzjoni saret permezz ta' att ġudizzjarju għandu jkun biżżejjed sabiex jissodisfa l-kriterju tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12.*" Dan l-argument bir-rispett kollu ma jreġix. Mhux kull att ġudizzjarju notifikat lill-Gvern jew Awtorità pubblika jissodisfa l-kriterju stabbilit fl-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 460. Kif tajjeb osservat il-Qorti in primo grado, "**<u>il-liġi hija preċiża dwar liema atti ġudizzjarji l-imħarrek għandu jiġi interpellat bihom, l-ittra uffiċjali jew protest</u>**". L-interpretazzjoni li qed jipprova jagħti l-appellant tal-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 460 m'hijiex dik li tirriżulta mill-kliem espress fl-istess Artikolu tal-Liġi. Il-Leġislatur kien ċar u preċiż fi kliemu, u indika b'mod speċifiku liema atti ġudizzjarji l-imħarrek għandu jiġi interpellat bihom, **<u>u cioe' ittra uffiċjali jew protest</u>** (u dan bl-istess mod li bih il-leġislatur indika b'mod speċifiku liema atti ġudizzjarji / kawżi ma tapplikax għalihom ir-regola stabbilita fl-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 460).

»Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***"Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy u G & N Technologies Limited vs Chairman Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ"*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-24 ta' Novembru 2010; *"mill-kliem iebes tal-imsemmi artikolu 460 joħroġ ċar li mhux talli att ġudizzjarju* ***<u>– li mhux ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju –</u>*** *ma jiswiex u ma jistax jitmexxa 'l quddiem kontra l-Gvern, Awtorità jew persuna pubblika, kif ingħad, iżda li lanqas biss imissu jitħalla jitressaq mir-Reġistratur tal-Qrati. Il-liġi tuża l-kliema "ippreżentat", "jittieħdu jew jinbdew" u "mitlub", li lkoll juru bid-dieher li l-ħsieb tal-leġislatur kien li l-atti mressqa bi ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet jintlaqtu mortalment mill-bidunett.*

»*Illi f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minn dawn il-Qrati fit-tifsir li huma taw lil dan l-artikolu, ingħad dejjem li l-azzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-morsa tal-imsemmi artikolu 460 huma dawk li jissemmew b'mod tassattiv fis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu. Kull azzjoni oħra li taqaa' 'l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħdija ta' żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, Awtorità jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk."*

»*"Min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li titlob il-liġi. L-interpellazzjoni ġudizzjarja trid tkun kontra dik il-persuna jew Awtorità li kontriha tinbeda l-kawża (jew proċedura oħra li tkun) wara li jgħaddu l-għaxart ijiem żmien hemm imsemmija.* ***<u>Il-liġi titlob li l-pretensjoni tal-mittent jew tal-protestant fl-ittra uffiċjali jew fil-protest "tiġi mfissra b'mod ċar"</u>*** [Sentenza ta' ***"Corinne Ward vs Foundation for Medical Services"*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 t'Awwissu 2015 – ċitata mill-appellant stess]

»Hekk ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet "**Samantha Grima vs Kevin Micallef et**" ingħad illi ***<u>"dak li jirrikjedi l-artikolu 460(1) tal-Kap. 12 hu li tintbagħat ittra uffiċjali (mhux legali) u li ma jibdewx proċedimenti kontra l-Gvern jew kontra xi Awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni (against any authority established by the constitution)."</u>***

»Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), fis-sentenza fl-ismijiet ***"Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana",*** deċiża fl-10 ta' April 2003, affermat illi ***"huwa desumibbli mill-artikolu appena ċitat illi l-liġi tirrikjedi tassattivament il-preżentata ta' ittra uffiċjali jew ta' protest. Mhux hekk biss pero' għax l-istess dispost jissokta jgħid illi r-Reġistratur għandu jirrifjuta li jirċievi l-att ġudizzjarju jew dokument ieħor li jiġi ppreżentat fir-Reġistru kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.*** *Fuq dan l-aħħar punt tajjeb li jingħad illi kif akkolt fil-ġurisprudenza anke f'każ illi r-Reġistratur ikun ippermetta l-preżentata taċ-ċitazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullita' imposta mil-liġi."*

»Interessanti ukoll, f'dan ir-rigward, huwa dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet ***"Jac Steel Limited vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"*** (Rikors Ġuramentat Numru 410/2015 JRM), deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Marzu 2016. F'dan il-każ, is-soċjeta' attriċi Jac Steel Limited ma kienet bagħtet l-ebda interpellazzjoni ġudizzjarja lill-MEPA qabel ma fetħet il-kawża tagħha; madanakollu l-istess attriċi kienet pproċediet bil-kawża tagħha wara li kisbet Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenut l-ieħor il-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti għalhekk kellha teżamina *"jekk il-fatt li nħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni fuq talba ta' Jac ikunx biżżejjed biex ma jibqax jgħodd l-artikolu 460(1) u jekk jidħlux fis-seħħ l-eċċezzjonijiet tal-Art. 460(2) proviso tal-Kap. 12."* Il-Qorti, f'dan il-każ, ikkonkludiet dan li ġej:-

»*"Min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu, u tali azzjoni titressaq kontra dik l-Awtorità li tkun ġiet interpellata;*

»*Illi huwa minnu illi l-iskop wara l-interpellazzjoni meħtieġa kontra l-Gvern hija maħsuba biex l-Gvern jew l-entitajiet pubbliċi jkunu jafu b'dak li qed jilmenta minnu l-attur, u għaldaqstant anke toħloq possibilta' illi jintlaħaq ftehim u tiġi evitata kawża bla bżonn, iżda minn naħa l-oħra l-liġi hija preċiża dwar liema mill-atti ġudizzjarji l-imħarrek għandu jiġi interpellat bihom, l-ittra uffiċjali jew protest;*

»*Illi l-Qorti ssib li Mepa għandha raġun tilmenta min-nuqqas ta' Jac u dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi fil-konfront tagħha, ladarba Jac ma kienx dehrilha li kellha tmexxi kontriha wkoll il-proċeduri għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni li kisbet kontra l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija;*

»Illi di pui l-insenjamenti rapportati fil-kawża tal-***Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija, Professur Peter Xuereb et vs. L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni et",*** ċitata mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, ma joffru l-ebda sostenn għall-argumenti minnu (l-appellant) f'dan l-ewwel aggravju tiegħu.

»L-analoġija li l-istess appellant jipprova jagħmel bejn il-każ tiegħu u dak tal-***Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija vs. Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni",*** propju tkompli iddgħajjef ġġib fix-xejn il-linja t'argumentazzjoni avvanzata minnu f'dan l-ewwel aggravju, u dan għar-raġuni sempliċi illi fil-każ tal-***"Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija vs. Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni",*** *"l-Awtorità in kwistjoni kienet ġiet infurmata bi protest ġudizzjarju dwar il-pretenzjoni mertu ta' din il-*

*kawża"* u għalhekk l-Awtorità in kwistjoni kienet ġiet interpellata b'wieħed mill-atti ġudizzjarji speċifikati fl-Artikolu 460(1), ossia bi protest ġudizzjarju, li permezz tiegħu ġiet mgħarrfa bil-kawża li kienet ser tinfetaħ kontra tagħha. Dan jikkontrasta sew max-xenarju li għandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti fil-każ de quo; fil-każ preżenti l-Awtorità appellata qatt ma ġiet interpellata b'wieħed mill-atti ġudizzjarji speċifikati fl-Artikolu 460(1), ossia protest ġudizzjarju jew ittra uffiċjali, fejn ġiet mgħarrfa bil-kawża li kienet ser tinfetaħ kontra tagħha. Illi għalhekk, is-sentenza tal-***Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija vs. Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni"*** ċitata mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu ma tagħmel xejn għajr tkompli tikkonferma s-siwi tal-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-Awtorità fil-każ de quo.

»Di pui, **u mingħajr ebda ħsara għall-premess**, l-obbligu proċedurali tal-interpellazzjoni ġudizzjarja impost fl-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie imfisser mill-Qrati tagħna bħala "privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni [msemmija fl-artikolu 460]", bl-għan tiegħu jkun dak li l-Gvern u l-awtoritajiet pubbliċi jiġu mgħarrfa bl-azzjoni ġudizzjarja li tkun ser tittieħed kontra tagħhom u b'hekk ikollhom "*l-opportunita' li jiddefendu lilhom infushom".*

»Issa, huwa nkonċpibbli li jingħad li l-proċeduri tal-appell kontra d-deċiżjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni għall-iżvilupp li ġġib ir-riferenza PA 4736/96, istitwiti mill-istess appellant a tenur l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, servew sabiex l-Awtorità appellata tkun mgħarrfa **b'din l-azzjoni ġudizzjarja** li kienet ser tittieħed fil-konfront tagħha (l-Awtorità).

»Il-proċeduri tal-appell istitwiti mill-appellant a tenur l-Artikolu 41 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta (qabel l-intavolar tal-azzjoni odjerna), huma proċeduri kompletament **separati u distinti** mill-proċeduri ġudizzjarji mibdija mill-appellant permezz ta' din l-kawża.

»L-imsemmija proċeduri tal-appell ġew konklużi b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), mogħtija nhar id-9 ta' Ottubru, 2013, li permezz tagħha, l-lanjanzi mressqa mill-appellant kontra l-Awtorità fir-rigward tad-deċiżjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni numru PA 4736/96 ġew miċħuda fit-totalita' tagħhom, **b'mod finali u definittiv**.

»Għalhekk wieħed qajla jista' jifhem kif l-appellant jasal jargumenta li, b'sentenza (i) li ċaħdet b'mod definittiv l-ilmenti tal-istess appellant kontra l-Awtorità, u (ii) li ġiet mogħtija fi proċeduri ta' appell istitwiti a tenur l-Artikolu 41 tal-Kap. 504, li huma proċeduri kompletament separati u distinti mill-proċeduri ġudizzjarji mressqa mill-istess appellant permezz ta' din l-azzjoni, l-obbligu tal-interpellazzjoni ġudizzjarja impost a tenur l-Artikolu 460(1) ġie debitament osservat.

»Il-proċeduri ġudizzjarji stitwiti mill-appellant a tenur l-Artikolu 41 tal-Kap. 504 u / jew l-atti ġudizzjari ppreżentati fl-istess proċeduri (li għalihom jagħmel riferenza l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu) m'humiex l-att ġudizzjarju – ossia l-ittra uffiċjali jew l-protest ġudizzjarju msemmi fl-Artikolu 460(1) – li bih l-Awtorità appellata kellha tiġi notifikata qabel l-intavolar tal-kawża odjerna. In oltre, l-imsemmija proċeduri tal-appell servew biss ta' konferma li l-ilmenti tal-appellant

"*ma fihomx mertu fil-liġi*" u kwindi ċertament li servew bl-ebda mod sabiex l-Awtorità tiġi mgħarrfa bl-azzjoni *de quo*.«

15. It-tieni aggravju tal-attur ġie mfisser hekk:

»L-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha l-opportunita' diversi drabi titkellem dwar il-prinċipju ta' proporzjonalita' u fost oħrajn ġew stabiliti s-segwenti prinċipji:

- »*"ir-regoli għandhom jitħarsu b'mod uniformi u prevedibbli, u s-soġġettivita' u d-diskrezzjonalita' jitnaqqsu kemm jista' jkun, madankollu l-prinċipju ta' proporzjonalita' jrid illi **mhux kull nuqqas ikollu l-istess konsegwenza**, iżda din għandha **tiddependi mill-gravita' tan-nuqqas** u mill-konsegwenzi tiegħu, partikolarment **jekk jagħtix vantaġġ lil min jonqos** jew **joħloqx preġudizzju**";*

- »*"F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma tkunx miżura proporzjonata dik li twarrab offerta minħabba nuqqas li ma kellu **ebda effett prattiku**"*

»Għalkemm ex admissis il-kuntest dwar liema dawn il-prinċipji ġew stabiliti huwa differenti, kjarament dak li japplika f'kuntest ta' xiri pubbliku mill-Gvern għandu ukoll japplika f'kuntest fejn l-għemil tal-Gvern qed jiġi skrutinizzat;

»Bla dubju ta' xejn bl-ebda mod is-sitwazzjoni ma' ħolqot l-ebda preġudizzju, ma' kellha l-ebda effett prattiku, ma ħoloq l-ebda vantaġġ lil ħadd, u per konsegwenza d-deċiżjoni li r-rikors promotur jiġi dikjarat bħala null u bla effett huwa għal kollox sproporzjonat;«

16. L-Awtorità appellata wieġbet hekk għat-tieni aggravju tal-attur:

»Hawnhekk l-appellant jsostni li *"l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha l-opportunita' diversi drabi titkellem dwar il-prinċipju tal-proporzjonalita' u fost oħrajn ġew stabbiliti s-segwenti prinċipji:-*

»*"<u>ir-regoli għandhom jistħarsu b'mod uniformi u prevedibbli, u s-soġġettivita' u d-diskrezzjonalita' jitnaqqsu kemm jista' jkun (sottolinear tal-esponenti),</u> madanakollu l-prinċipju ta' proporzjonalita' jrid illi mhux kull nuqqas ikollu l-istess konsegwenza, iżda din għandha tiddependi mill-gravita' tan-nuqqas u mill-konsegwenzi tiegħu, partikolarment jekk jagħtix vantaġġ lil minn jonqos jew joħloqx preġudizzju".*

»Illi dawn l-insenjamenti ġew rapportati fis-sentenza fl-ismijiet ***"Firetech Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti"*** *d*eċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar it-30 t'Ottubru 2015 – dan kien każ fejn s-soċjeta Firetech Limited appellat id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, liema deċiżjoni kienet kkonfermat il-kuntratt għal *"supply, delivery, installation, commissioning and maintenance of an adaptive traffic light solution"* mogħti lill-konsorzju *Albsem JV.* Is-

soċjeta' Firetech Limited appellat mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar l-Kuntratti Pubbliċi fuq il-bażi li "*l-ħtieġa illi l-offerta ssir mill-kont elettroniku ta' min jitfa' l-offerta, u mhux mill-kont eletroniku ta' ħaddieħor, hija "rekwiżit mandatorju" li n-nuqqas ta' tħaris tiegħu kellu jwassal biex l-offerta titwarrab.*"

»F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell osservat dan li ġej:-

»"*Fil-fehma tal-qorti, ladarba d-dokumenti relativi għall-offerta kienu juru ċar u bla ekwivoku illi l-offerta kienet qegħdha ssir minn konsorzju, ma għandu jkun hemm ebda dubju raġonevoli illi l-oblgatur kien AlbSem u mhux Alberta. L-użu ta' kont elettroniku flok ieħor ma jibdilx l-identita' ta' min jagħmel l-offerta meta joħroġ ċar mid-dokumenti nfushom tal-offerta min tassew qiegħed jagħmel l-offerta.*

»*Stabbilit għalhekk illi l-oblatur kien AlbSem tqum il-mistoqsija jekk l-iżball fl-użu tal-kont elettroniku huwiex żball fatali li għandu jwassal biex l-offerta titwarrab.*

»*Għalkemm huwa minnu illi, biex titħares it-trasparenza u ma jkunx hemm diskriminazzjoni, ir-regoli għandhom jitħarsu b'mod uniformi u prevedibbli, u s-soġġettivita' u d-diskrezzjonalita' jitnaqqsu kemm jista' jkun, madankollu l-prinċipju ta' proporzjonalita' jrid illi mhux kull nuqqas ikollu l-istess konsegwenza, iżda din għandha tiddependi mill-gravita' tan-nuqqas u mill-konsegwenzi tiegħu, partikolarment jekk jagħtix vantaġġ lil min jonqos jew joħloqx preġudizzju lil oblaturi oħra. Ma huwiex biżżejjed illi, kif igħid id-Dipartiment fit-tweġiba tiegħu, huwa żamm id-dritt li jagħżel jiskwalifikax lil min ma jħarisx ir-regoli f'kollox ("The Department of Contracts reserves the right to disqualify Economic Operators who do not abide by the above instructions") iżda trid tqis ukoll in-natura u l-konsegwenzi tan-nuqqas.*

»*Fil-każ tallum in-nuqqas ma ta ebda vantaġġ lil AlbSem u ma ħoloq ebda preġudizzju għall-oblaturi l-oħra. Ma bidel xejn mill-kondizzjonijiet tekniċi jew finanzjarji tal-Kuntratt kif imfissra fis-sejħa u ma bidel xejn mill-kontenut tal-offerta li mill-bidunett saret f'isem il-konsorzju. Ma kien hemm ebda ħabi li seta' wassal għal ingann. Lanqas tista' tgħid illi l-użu ta' kont elettroniku flok ieħor għamel aktar iebes ix-xogħol tal-kumitat tal-għażla, kif forsi kien ikun il-każ li kieku l-offerta saret manwalment flok elettronikament, li jista' jagħmel aktar komplikat il-proċess ta' tqabbil bejn offerta u oħra. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma tkunx miżura proporzjonata dik li twarrab offerta minħabba nuqqas li ma kellu ebda effett prattiku, aktar u aktar meta tqis illi l-iskop ta' eserċizzju huwa li jinkiseb l-aħjar u l-orħos servizz f'kondizzjoni ta' ugwaljanza bejn oblgatur u ieħor.*"

»Issa l-Awtorità appellata, ġenwinament, qajla tista' tifhem x'rilevanza għandu l-każ ta' "***Firetech Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti***" għal każ preżenti; l-Awtorità lanqas ma tista' tifhem kif l-appellant qed iqabbel n-nuqqas tiegħu li jsegwi r-regola stabbilita' fl-Artikolu 460(1) – ***"li hija regola ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti ex ufficio" –*** ma żball marġinali kommess minn oblgatur f'proċess ta' tender għal kuntratt pubbliku.

»*Caso mai,* fil-każ preżenti, n-nuqqas tal-appellant li jsegwi r-regola proċedurali stabbilita fl-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jikkostitwixxi nuqqas gravi li tiġi osservata waħda minn dawk ir-regoli proċedurali li "*għandhom jitħarsu b'mod uniformi u prevedibbli*". Hawnhekk l-Awtorità appellata tagħmel riferenza għas-sentenza ta' "***Corinne Ward vs Foundation for Medical Services***", ċitata mill-appellant stess fir-rikors tal-appell tiegħu; fejn ġie kkonfermat dan li ġej:-

»*"Illi sa minn mindu l-imsemmi artikolu ddaħħal fil-liġi proċedurali fl-1981, dejjem inżamm li,* ***fejn jidħlu proċeduri kontra l-Gvern jew xi Awtorità pubblika, huma biss l-azzjonijiet li jissemmew b'mod tassattiv fis-subartikolu 460(2) ta' dak l-artikolu li ma jaqgħux taħt il-morsa tas-subartikolu 460(1). Kull azzjoni oħra li taqa' 'l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħtija ta' żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, Awtorità jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk;***

»*Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta' talba ġudizzjarja qabel tista' tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern. Bħala tali, tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha kontra l-amministrazzjoni pubblika. Minħabba f'hekk, it-tħaddim tar-regola iebsa maħluqa bl-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili trid tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-Awtorità pubblika fejn din tista' tibqa' miexja 'l quddiem.* ***Jibqa' dejjem li dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti ex ufficio;***

»*Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni;*

»*Illi għalhekk l-għan wara l-imsemmi artikolu 460 – dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunita' li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f'każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom – ma għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittex id-drittijiet tiegħu fil-qrati;*

»*Illi, min-naħa l-oħra, dan jitlob ukoll li min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li titlob il-liġi. Minbarra dan, l-interpellazzjoni ġudizzjarja trid tkun kontra dik il-persuna jew Awtorità li kontriha tinbeda l-kawża (jew proċedura oħra li tkun) wara li jgħaddu l-għaxart ijiem żmien hemm imsemmija. Il-liġi titlob ukoll li l-pretensjoni tal-mittent jew tal-protestant fl-ittra uffiċjali jew fil-protest "tiġi mfissra b'mod ċar";*

»*Illi din il-Qorti tqis li, fil-każ li għandha quddiemha, l-att (jiġifieri r-rikors promotur) mhux biss tressaq, imma tħalla mir-Reġistratur tal-Qrati jimxi*

*'l quddiem tant li assenjah bħala kawża biex tinstema' minn din il-Qorti.* ***Dan in-nuqqas waħdu ma jservix biex dak li ma jiswiex iġibu jiswa,*** *imma jista' jkun indikattiv ħafna jekk fil-fatt jirriżulta li l-att promotur mhux milqut minn nullita'.* ***Jiġifieri l-fatt waħdu li r-Reġistratur tal-Qorti (forsi bla ma biss intebaħ li qiegħed imur kontra dak li tgħid il-liġi) laqa' għandu u mexxa 'l quddiem ir-Rikors Maħluf tal-attriċi ma jġibx jiswa dak li b'rieda espresso tal-liġi ma jiswiex sa mill-bidu tiegħu;***

»***Illi l-Qorti tagħraf ukoll li kien hemm żmien meta l-fehma tal-Qrati kienet saħansitra li att ġudizzjarju mressaq bħala bidu ta' kawża kontra l-Gvern li ma jintweriex li ma jħarisx b'reqqa d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460, mhux biss huwa null imma inesistenti għax ir-Reġistratur ma jmissux imqar laqgħu meta tressaq quddiemu.***

»***Minbarra dan, ingħad li, proprju minħabba l-kliem użat fl-artikolu in kwestjoni, n-nullita' li jġib in-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb 'il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom.***

»Hekk ukoll, fis-sentenza ***"Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar"*** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2004, ġie osservat dan li ġej:-

»*"Minn eżami ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 joħroġ biċ-ċar li l-leġislatur* ***ried jimponi tassattivament l-obbligu li ebda att ġudizzjarju, fosthom wieħed bħaċ-ċitazzjoni ta' l-attur, ma jista' jiġi ppreżentat ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-Awtorità jew persuna kif hemm imsemmi fil-liġi stess, ta' ittra uffiċċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar…*** Minn eżami tal-provi mbagħad jirriżulta li fil-mument li l-attur ippreżenta ċ-ċitazzjoni in eżami – bi ksur allura ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 – ***ħaġa bħal din ma setax jagħmilha, bil-konsegwenza li dak kollu li avvera ruħu in segwitu kien irritu u null, u bħala tali ma seta' jipproduċi ebda effett.****"*

»Illi għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imfissra, l-appell interpost minn Oliver Ruġġier, ma jimmeritax akkoljiment, u s-sentenza appellata timmerita konferma fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.«

17. Huwa minnu illi l-ewwel subartikolu tal-art. 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

»**460**. (1) … ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità

> mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.«

18. Huwa minnu wkoll illi fil-passat l-interpretazzjoni mogħtija lill-ewwel subartikolu tal-art. 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien waħda riġida u estrema peress li:

    i. Ir-rikors promotur kien jitqies invalidu f'każijiet fejn id-dettami tal-ewwel subartikolu tal-art. 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienux jiġu osservati. Il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin kienet fis-sens illi jekk il-Gvern ma ngħata l-ebda preavviż fis-sura ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel ma nfetħu l-proċeduri ġudizzjarji in kwistjoni, r-rikors promotur kien jitqies invalidu għaliex ir-Reġistratur lanqas biss kien imissu aċċettaħ meta ġie ppreżentat lilu[3];

    ii. Kull att ġudizzjarju li kien jiġi ppreżentat wara r-rikors promotur kien ukoll jitqies bħala invalidu;

    iii. In-nullità msemmija fl-ewwel subartikolu tal-art. 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet titqies bħala waħda assoluta li tgħodd mhux biss fil-konfront tal-Gvern iżda wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-intimati l-oħra wkoll, anke jekk dawn ma setgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom[4];

---

[3] Ara Salvatore Cristauro *v.* Avukat Ġenerali tar-Repubblika *et*, P.A.Q.Ċ., 8 ta' Ġunju 2001; Joseph Bellizzi *v.* Avukat Ġenerali, P.A.Q.Ċ., 5 ta' Frar 1999

[4] Ara Louis Vella *et v.* Ronald Grech *et*, P.A.Q.Ċ, 22 ta' Ġunju 1992

iv. Dan il-privileġġ proċedurali favur il-Gvern mhux biss kien ikkunsidrat bħala wieħed ta' ordni pubbliku[5] li seta' jitqajjem mill-Qorti *ex officio* iżda l-Gvern lanqas biss seta' jirrinunzja għalih[6].

19. Madankollu, kif fissret din il-Qorti fis-sentenza reċenti tagħha tat-18 ta' Ġunju 2024 fil-każ fl-ismijiet <u>Paul Gauci *et v.* Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali, f'isem is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali</u>:

> »33. … aktar qrib għaż-żminijiet tal-lum, x'aktarx minħabba influwenzi ġejjin mill-iżvilupp fil-qasam tal-jedd tas-smigħ xieraq fejn għandu x'jaqsam max-xkiel tal-jedd għal aċċess għall-qrati, il-ġurisprudenza moderna, b'mod partikolari dik tal-Qorti tal-Appell, bdiet tħares lejn l-Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'lenti aktar flessibbli, biex bil-mod il-mod il-ġurisprudenza moderna bdiet tinqata' u titbiegħed mill-fehma estrema u drastika li kienet issaltan qabel.
>
> »34. Biex wieħed jislet ftit eżempji, wieħed jista' jibda billi jsemmi s-sentenza ***Salvatore Ellis et noe v. Il-Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-10 ta' April, 2003, fejn ingħad li l-għan wara l-Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, viz. dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunità li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f'każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom, m'għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittex id-drittijiet tiegħu fil-qrati. Sewwasew f'dak il-każ, ingħad li ma hemmx bżonn li wieħed joqgħod jibgħat ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, qabel ma jibda proċeduri sabiex iżomm id-dikjarazzjoni maħlufa għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern magħmula taħt l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili milli tikseb l-effett ta' ġudikat. Dan għaliex f'każ bħal dak ikun il-Gvern li jkun beda l-ewwel pass biex jikseb titlu eżekuttiv b'riħet id-dikjarazzjoni maħlufa u mhux il-persuna li tkun qiegħda tikkontesta dik id-dikjarazzjoni maħlufa.
>
> »35. Ftit xhur wara, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmelo sive Charles Ellul Sullivan nomine v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża fis-27 ta' Ġunju, 2003 qalet li l-Gvern ma jistax fl-appell tiegħu jqajjem in-nullità tal-kawża għaliex l-appellat ma jkunx bagħat ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel fetaħ il-kawża, jekk kemm-il darba huwa ma jkunx qajjem dik il-kwistjoni quddiem l-Ewwel Qorti.
>
> »36. F'sentenza oħra, ***Francis Camilleri v. Peter Paul Camilleri et*** tat-30 ta' Marzu, 2007, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) qalet li huwa l-Gvern biss li jista' jqajjem l-eċċezzjoni ta' nullità minħabba nuqqas ta' notifika skont l-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għaliex huwa biss il-Gvern li jgawdi

[5] Ara <u>Dominic Savio Spiteri *v.* Onor. Prim Ministru *et,*</u> P.A.Q.Ċ, 7 ta' Mejju 1999
[6] Ara <u>Dottor Harry Vassallo *v.* Onorevoli Prim Ministru</u>, P.A.Q.Ċ., 9 ta' Ottubru 2001

minn dan il-privileġġ. Għalhekk tali eċċezzjoni ma tistax titqajjem minn persuni privati. Fl-istess sentenza ngħad ukoll, li anke kieku stess kellha tiddikjara li kien hemm nuqqas ta' ħarsien ta' dan l-artikolu tal-liġi, dan ma jwassalx għan-nullità tal-azzjoni imma jekk xejn iwassal biss li l-azzjoni fil-konfront tal-Gvern ma tkunx tista' tkompli, filwaqt li tkun tista' tissokta fil-konfront tal-persuna privata.

»37. Minbarra dan għalkemm għall-bidu l-ġurisprudenza kienet issostni li l-privileġġ imsemmi fl-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lanqas biss seta' jiġi rinunzjat mill-Gvern, maż-żmien il-qrati tagħna bdew jaċċettaw u jħallu wkoll li l-Gvern jirrinunzja għal dan il-privileġġ waqt il-mixi tal-kawża, u dan minkejja li huwa stess kien qajjem l-eċċezzjoni tan-nullità b'mod formali fir-risposta maħlufa tiegħu (ara l-atti tal-kawżi ***Avukat Dottor Tonio Azzopardi nomine v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** (Rik. 734/2009) u ***George Schembri et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** (Rik. 663/2014) fejn il-Gvern kien irtira l-eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullità tal-proċeduri minħabba nuqqas ta' ħarsien tal-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, wara li kienu tqajmu kwistjonijiet ta' bixra kostituzzjonali dwar it-tħaddim ta' dak l-artikolu).

»38. Imbagħad fis-sentenza ***Paul Licari v. Malta Industrial Parks Limited*** deċiża fil-25 ta' Novembru, 2016, il-Qorti tal-Appell saħqet li dan il-privileġġ proċedurali joħloq stat ta' anakroniżmu fil-kuntest tal-ħtieġa li l-partijiet kollha jridu jitpoġġew f'sitwazzjoni identika taħt il-liġi, u allura dan ma għandux jingħata applikazzjoni aktar wiesgħa milli jiddisponi. F'dak il-każ il-Qorti tal-Appell qalet li għalkemm il-Malta Industrial Parks Limited taqdi funzjonijiet pubbliċi għaliex tieħu ħsieb tamministra ż-żoni industrijali li huma proprjetà tal-Gvern u għalhekk tikkwalifika bħala awtorità pubblika, madankollu l-Qorti tal-Appell qalet li hija ma tistax tinvoka l-privileġġ proċedurali msemmi fl-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għaliex dan ma jistax jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi kollha iżda jista' jintuża biss mill-Gvern, minn awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni (barra mill-Kummissjoni Elettorali), u minn persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha.

»39. Interessanti wkoll dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Maria Scicluna et v. Raymond Azzopardi et*** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2020, u ċjoè li l-Gvern ma jistax jinvoka l-privileġġ tiegħu taħt l-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jannulla kawża, jekk il-qofol tal-kawża ma tkunx kontra l-Gvern iżda tkun bejn persuni privati. F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet dwar in-nullità tal-kawża għaliex qalet li għalkemm ir-Reġistratur kellu jkun parti fil-kawża għax hekk trid il-liġi minħabba li kien qiegħed jintalab li ssir korrezzjoni f'reġistrazzjoni magħmula minn persuni privati, b'danakollu l-kawża ma setgħetx titqies magħmula kontrih ladarba ebda interess tiegħu ma seta' jintlaqat bl-eżitu tal-kawża.

»40. Iżda l-mod ta' kif il-qrati tagħna għandhom jinterpretaw u jħarsu lejn l-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ħadet żvolta kbira ħafna bil-miġja tas-sentenza ***Mark Formosa v. Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 2020. F'din is-sentenza ngħad li

ttħaddim ta' dan l-artikolu b'mod rigoruż jista' jwassal għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, jekk jintwera li dan jispiċċa biex ixekkel il-jedd ta' aċċess għal qorti b'mod sproporzjonat. Minħabba f'hekk, peress li dan l-istess artikolu tal-liġi jagħti opportunità lill-Gvern li jqajjem kwistjonijiet ta' proċedura li jwasslu għan-nullità ta' kawża, allura l-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet li huwa xieraq li sabiex jiġi żgurat il-jedd ta' aċċess lill-Qrati, dan l-artikolu tal-liġi għandu jiġi applikat u interpretat b'mod flessibbli ħafna.

»41. Il-Qorti Kostituzzjonali saħqet li għalkemm huwa minnu illi l-formalitajiet imposti f'dan l-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhumiex partikolarment onerużi, u lanqas ma huma l-uniċi każijiet fejn il-liġi timponi dawn it-tip ta' formalitajiet qabel it-tressiq ta' kawża, b'danakollu l-konsegwenza tan-nuqqas tagħhom twassal għan-nullità tal-att, li hija devastanti speċjalment f'każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, peress li jista' jkun hemm it-telfien permanenti tad-dritt għal stħarriġ fil-mertu tal-ilment taċ-ċittadin minħabba t-terminu perentorju ta' sitt xhur.

»42. Fid-dawl ta' din is-sentenza kostituzzjonali, il-Qorti tal-Appell bdiet tieħu qagħda aktar liberali u flessibbli fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

»43. Kemm hu hekk fis-sentenza ***Ayman Khalaf v. Il-Prim Ministru ta' Malta et*** deċiża fis-26 ta' Ottubru, 2022, il-Qorti tal-Appell qalet li huwa minnu li l-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li l-preavviż lill-Gvern għandu jsir fis-sura ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju. Madankollu l-istess Qorti tal-Appell kompliet billi tgħid, li ladarba l-iskop wara dan il-preavviż, huwa li jagħti biss lill-Gvern l-opportunità li jkun jaf x'inhi l-pretensjoni tal-attur sabiex b'hekk huwa jkun jista' jindirizza l-ilment tiegħu qabel issir il-kawża, allura dak l-iskop jintlaħaq ukoll jekk qabel il-kawża jkun sar rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li jkun ġie miċħud. Il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara ħafna f'din is-sentenza li l-Gvern m'għandux jingħata vantaġġi bla bżonn u għalhekk l-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jiġi applikat u interpretat b'mod restrittiv.

»44. Terġa' u tgħid f'sentenza aktar riċenti, dik ta' ***Godfrey Ciangura v. Ministeru Tal-Intern u Affarijiet Parlamentari et*** deċiża fit-8 ta' April, 2024, il-Qorti tal-Appell saħqet li kawża m'għandhiex tiġi dikjarata nulla minħabba nuqqas ta' preżentata ta' ittra uffiċjali jew ta' protest ġudizzarju skont l-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jekk jirriżulta li qabel infetħet il-kawża kontra l-Gvern, l-attur ikun bagħat ittri legali, fejn fisser lill-Gvern dwar il-pretensjonijiet tiegħu. Intqal ukoll li l-eċċezzjoni tan-nullità tal-kawża minħabba nuqqas tal-ittra uffiċjali jew tal-protest ġudizzjarju għandha tiġi miċħuda jekk jintwera li l-Gvern xorta ma kienx ħa jbiddel il-pożizzjoni tiegħu li kieku huwa rċieva l-ittra uffiċjali jew il-protest ġudizzjarju qabel il-ftuħ tal-kawża.

»45. Illi minn din ir-rassenja kollha, jidher ċar li l-fehma tal-qrati tagħna dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhux biss żviluppat u evolviet mal-medda tas-snin iżda saħanistra nbidlet ta' taħt fuq. Biżżejjed jingħad, li fejn qabel il-

kawżi kontra l-Gvern kienu dlonk jittajru 'l barra mill-qrati tagħna, bla kliem u bla sliem, jekk jirriżulta li ma jkunux intbagħtu l-ittra uffiċjali jew il-protest ġudizzjarju; illum il-qrati tagħna però bdew jieħdu pożizzjoni aktar moderata u aktar proporzjonata favur iż-żamma tal-kawża, minkejja li dawn ikunu nfetħu mingħajr ma jkunu saru l-ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, jekk jintwera li l-Gvern ma kellu l-ebda bżonn ta' preavviż għaliex huwa ġa kien jaf bil-pretensjoni tal-attur jew inkella jekk jintwera li l-Gvern xorta ma kienx ħa jbiddel il-pożizzjoni tiegħu li kieku huwa ngħata dak il-preavviż.

»46. Hekk ukoll, filwaqt li kien hemm żmien li l-qrati tagħna kienu jgħidu li l-privileġġ imsemmi fl-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lanqas biss seta' jiġi rinunzjat mill-Gvern u allura l-Qorti kellha d-dmir li tqajjem tali privileġġ anke minn jeddha, però bħala riżultat ta' bidla fil-ħsieb, il-qrati tagħna fi żminijiet aktar qrib għal-lum bdew anke jaċċettaw li jkomplu jisimgħu l-mertu tal-kawża, wara li l-Gvern jaċċetta li jirrinunzja għal dak il-privileġġ proċedurali mogħti lilu bil-liġi.

»47. Jiġi b'hekk, li għalkemm huwa veru li teżisti ġurisprudenza tal-imgħoddi li kienet tħares b'ċertu żelu żejjed lejn il-privileġġ tal-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sal-punt li din kienet tqisu bħala preċett ta' ordni pubbliku, b'danakollu x-xejra ġurisprudenzjali l-aktar riċenti m'għadhiex tqisu aktar bħala preċett ta' ordni pubbliku, tant li taffiet ħafna mill-effetti tiegħu u saħansitra anke warrbitu sabiex jiġi żgurat li ma jiġix imxekkel il-jedd taċ-ċittadin milli jkollu aċċess għall-qrati, kif imħares taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

»48. Bħalma tajjeb qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, materja li tkun ta' ordni pubbliku f'ċertu żmien, jista' jkun li ma tibqax hekk meqjusa fi żmien ieħor. Appuntu f'dan il-każ, fid-dawl tal-iżvilupp kbir li seħħ fil-ġurispudenza tagħna dwar il-mod kif għandu jiġi interpretat u mħaddem il-privileġġ proċedurali mogħti lill-Gvern f'kawżi mnedija kontrih, din il-Qorti b'konvinzjoni sħiħa tgħid li llum il-ġurnata dan il-privileġġ proċedurali tal-Gvern m'għadux igawdi l-istatus ta' kunċett ta' ordni pubbliku.« [7]

20. Illum-il ġurnata l-Qrati Maltin għalhekk qed jaddottaw raġunament aktar flessibbli, raġonat u li jħaddan fih il-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ir-raġunament huwa wkoll konformi mad-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq - li jinkorpora ġo fih id-dritt għall-aċċess għall-qrati - u mal-għan wara l-introduzzjoni ta' dan is-subartikolu fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta - li kien sabiex jagħti l-opportunità lill-Gvern, korp jew persuna b'kariga pubblika, li jingħata avviż minn qabel li persuna kienet beħsiebha tibda

[7] Ara wkoll Jeffrey Cilia *v.* Kummissarju tal-Pulizija *et*, Q.A., 3 ta' Ġunju 2024

proċeduri ġudizzjarji kontrih u dan ħalli b'hekk l-istess Gvern, korp jew persuna b'kariga pubblika jkollu ż-żmien biżżejjed biex joffri rimedju jew soluzzjoni għat-tilwima li tkun inqalgħet mal-privat.

21. Fil-ġurisprudenza riċenti nħolqot distinzjoni bejn: i) dawk il-każijiet fejn il-Gvern ma jkun ingħata l-ebda preavviż - fis-sura ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju - qabel ma nfetħu l-proċeduri ġudizzjarji appożiti kontriħ iżda qabel ma nfetħu l-istess proċeduri l-Gvern kien jaf bil-pretensjoni tal-attur; u ii) dawk il-każijiet fejn il-Gvern ma jkun ingħata l-ebda preavviż qabel ma nfetħu l-proċeduri appożiti kontrih u l-Gvern ma kienx jaf bil-pretensjoni tal-attur qabel ma nfetħu l-proċeduri ġudizzjarji appożiti.

22. Jekk il-Gvern diġà kien jaf bil-pretensjoni tal-attur qabel ma nfetħu l-proċeduri appożiti hu ma kellux bżonn preavviż - fis-sura ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju - peress li xorta waħda ma kienx ser ibiddel il-pożizzjoni tiegħu li kieku ngħata dak il-preavviż.

23. F'każijiet bħal dawn għalhekk ma jkunx għaqli u ġust illi bħala rimedju għal dan in-nuqqas *i.e.* li ma ġewx osservati d-dettami tal-ewwel subartikolu tal-art. 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tiġi imposta l-invalidita' tar-rikors promotur tal-attur, partikolarment peress li dan in-nuqqas ma joħloq l-ebda preġudizzju lill-Gvern jew lill-entità governattiva u huwa nuqqas purament formalistiku.

24. Dak li trid tanalizza din il-Qorti fil-każ tallum huwa jekk l-Awtorità appellata kinitx taf bil-pretensjoni tal-attur qabel ma nfetħu l-proċeduri tallum fil-15 ta' Mejju 2014.

25. Wara li fliet iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li għandha quddiemha llum din il-qorti jidhrilha illi l-Awtorità appellata kienet taf bil-pretensjoni tal-attur qabel ma nfetħu l-proċeduri tallum fil-15 ta' Mejju 2014 u dan minħabba s-segwenti raġunijiet:

i. Il-perit tal-attur – il-Perit Anthony Fenech Vella – kien ressaq l-istess ilment fl-appell tal-attur kontra r-rifjut li nħareġ mill-Kummissjoni dwar Kontroll ta' l-Iżvilupp fl-10 ta' Awwissu 2007 għar-rigward tal-applikazzjoni tiegħu sabiex jibni dar b'*garage* ġo Sqaq Numru 1, Triq Sant Andrija, Lija. Fl-appell tiegħu l-Perit tal-attur jgħid hekk:

»Jekk qatt kien hemm każ fejn il-MEPA effetwat inġustizzja permezz ta' tkaxkir inaċċettabli u li wassal ċertament, għal riżultat negattiv...hu proprju dan il-każ. Applikazzjoni validata fl-1 ta' Ottubru 1996, li l-ewwel deċiżjoni ittieħdet fil-25 ta' Awissu 2005, b'rikonsiderazzjoni issir fis-16 ta' April tas-sena 2007. Jekk wieħed jeżamina ukoll l-interim, jsib li:-

»Ir-rapport tal-Case Officer sar aktar minn 7 snin wara ġiet validata l-applikazzjoni għax il-file intilef għal 6 snin, u anke biex għadda minn dik il-fażi għal DCC ħa aktar minn 1 sena u biex anke intbagħat dan ir-rifju, kellna, inkredibilment, nistennew 5 xhur.

»B'hekk dak li deher li kien ċertament aċċettabbli fil-1996 u anke, b'daqxejn riservi fil-kemm fit-2005 u fil-2006, fejn id-DCC kien talab xi ammendi li jnaqqsu l-iżvilupp, ġie imbagħad assorbit bl-argument tal-ħruġ tal-Pjan Lokali f'Awwissu 2006...

»Lanqas ma kien hemm id-deċenza minn naħa tad-Direttorat li jippruvaw isibu soluzzjoni intermedja, forma ta' kumpens għad-dewmien illegali, u li tissodisfa lill-kulħadd, hekk kif deher ċar fin-nota li għamlu fid-DPAR tas-26 ta' Frar 2004 meta qalu

»"*Not taking into account that this is an application submitted in 1996, the proposed development is not in conformity with the latest amended version of the draft CMLP*"

»Nfakkar li d-Direttorat stess kien intrabat li jlesti il-proċess fil-ħin biex deċiżjoni tittieħed sa mhux aktar tard minn 8 ġimgħat oltre it-target date ġa stabbilit tas-26 ta' Novembru 1996, kif indikat fl-ittra mibgħuta bħala notifika ta' dan fl-4 ta' Diċembru 1996.

»...

»...

»...

»Għaldaqstant, in vista ta' dak li hi inġustizzja sfaċċata ta' dewmien ta' proċess li wasslet biex ippreġudikat din l-applikazzjoni ... ... ... nitlob li dan ir-rifjut jiġi miċħud u jiġi approvat skond l-aħħar pjanti ppreżentati... « [8]

ii. Fid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta' Ġunju 2012 jingħad hekk:

»Fir-rigward tal-allegatament tkaxkir fl-ipproċessar tal-applikazzjoni (madwar ħdax-il sena), jiġi rilevat mill-file PA 4736/96 li hemm diskontinwita' fl-ipproċessar tal-applikazzjoni bejn it-2 ta' Frar 1998 u l-1 ta' Settembru 2003 (blue 28 u red 32 rispettivament). In oltre, jidher li hemm tlett dokumenti neqsin fil-file u li mill-minuti annessi jidher li kien hemm xi kwistjoni fuq ħajt tas-sejjieħ li għandu (jew kellhu) karatteristiċi fl-għamla u fit-tfassil tiegħu li kienu jimmeritaw kunsiderazzjoni ulterjuri mill-aspett ta' konservazzjoni.

»Fil-frattemp pero', ma jidhirx li kien hemm xi intervent jew komunikazzjoni da parti tal-Appellant li tissoleċita lill-Awtorità sabiex tgħaġġel tiddeċiedi l-applikazzjoni tiegħu, f'terminu ta' żmien xieraq. Altro che tkaxkir fl-ipproċessar tal-applikazzjoni. Jekk xejn f'ħames snin bejn is-sena 1998 u l-2003, kellhom jiġu ppreżentati pjanti ġodda li ma jirriżultax li qatt ġew ippreżentati u jekk kienu ppreżentati, ma ġewx reġistrati fil-file. Konferma ta' dan huma l-minuti 27 u 28 li jaqraw kif ġej:

»*"Minute 27* [ta' l-1 ta' Mejju 1998]

»*Meeting with architect in which it was decided that he is to submit fresh plans eliminating garage.*

»*Minute 28* [ta' t-8 ta' Lulju 2003]

»*Architect asked status of file. File referred for of processing."*« [9]

iii. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) l-attur reġa' lmenta dwar id-dewmien li kien hemm fl-

[8] Ara *fol*. 10, 11
[9] Ara *fol*. 10, 11

ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija. Hu qal hekk:

»2. Illi l-applikazzjoni ma' ħaditx il-kors naturali tagħha, u fil-fatt ir-rapport tal-Case Officer inkarigat mill-applikazzjoni hawn fuq surriferita, sar aktar minn seba' (7) snin wara li ġiet validata l-applikazzjoni u dana minħabba li l-file kontenti l-istess applikazzjoni safa mitluf;

»3. Illi wara dan id-dewmien u wara diversi komunikazzjonijiet bejn il-partijiet u anka sottomissjonijiet ta' pjanti ġodda sabiex jissodisfaw it-talbiet ta' l-Awtorità, ittieħdet l-ewwel deċiżjoni fil-25 t'Awwissu 2005 u sussegwentament il-kummissjoni għall-kontroll ta' l-iżvilupp (minn hawn il-quddiem 'il-kummissjoni') fl-10 t'Awwissu 2007, u cjoe' ħdax (11) il-sena wara, irifjutat l-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp PA 4736/96…

»…

»…

»…

»… l-każ de quo huwa differenti ħafna minn dak indikat, u dana għaliex fl-ewwel nett l-Awtorità kaxkret saqaja għal diversi snin, sussegwentament tilfet il-file kontentni l-applikazzjoni ta' l-appellant u dana anka fi kliem it-tribunal stess, "… jidher li hemm tlett dokumenti neqsin fil-file…", u wara li kienet sodisfatta u ċerta li l-appellant żgur mhux ser ikun f'posizzjoni li jingħata l-permess minħabba li nbidlet l-policy, kompliet bl-ipproċessar tal-applikazzjoni – b'konsegwenza ċara li l-appellant ġie misruq mid-dritt spettanti lilu fis-sena 1996;

»…

»**ii. It-Tieni Aggravju:** **<u>dewmien illegali u abbużiv</u>**

»6. Illi huwa prinċipju magħruf li lex dilationes abhorret – u jekk hemm każ fejn id-dewmien wassal li persuna tiġi żvestita minn dritt li kien jappartjeni lilha huwa preċiżament il-każ de quo;« [10]

iv. Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet <u>Oliver Ruġġier *v.* L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u> ukoll indirizzat dan l-ilment tal-attur. Fis-sentenza jingħad hekk:

»… … … Jargumenta wkoll li anke minħabba l-fatt li ż-żmien tal-proċessar tal-applikazzjoni kien ħa ġmielu (l-applikazzjoni kienet ġiet intavolata fl-1996), ir-regime tal-ippjanar Qadim kien jiffavorixxi l-

[10] Ara *fol*. 20, 22

proposta li illum hi in eżami, u għalhekk l-Awtorità ma kelliex għalfejn tapplika policies li daħlu in vigore ħafna wara li ġiet intavolata l-applikazzjoni tiegħu.

»…

»…

»…

»1. Għalkemm l-appellant jaqbel li l-policies applikabbli huma dawk in vigore meta tingħata deċiżjoni, pero' f'dan il-każ, l-Awtorità, minbarra nuqqasijiet tagħha damet ma pproċessat l-applikazzjoni u ġiet deċiża biss meta nbidlu l-policies u l-appellant ma ingħatax permess u għalhekk l-appellant ġie mċaħħad minn dritt spettanti lilu meta saret l-applikazzjoni;

»…

»Din il-Qorti hi marbuta tisma' appelli minn punti ta' dritt iżda l-appellant qed jibbaża l-appell tiegħu fuq binarji oħra, li ġustifikati jew le ma jistgħux jiġu ventilati quddiem din il-Qorti iżda f'sede oħra idonea biex tittratta kwistjonijiet ta' abbuż amministrattiv. Id-dewmien tal-Awtorità li tiddeċiedi l-każ u r-raġuni warajha ma jistgħux ikunu soġġetti għal skrutinju quddiem din il-Qorti li l-mansjoni tagħha hi biss li tisma' appelli fuq punti ta' liġi mqajma. F'dan il-każ, kif ingħad it-Tribunal iddeċieda l-applikazzjoni skond il-policies viġenti fi żmien id-deċiżjoni u minn din id-deċiżjoni fuq il-mertu tal-applikazzjoni ma sar ebda appell.« [11]

26. Meta l-Awtorità appellata ġiet notifikata bir-rikors promotur tal-attur fil-15 ta' Mejju 2014 din ċertament ma kinitx l-ewwel darba li l-istess Awtorità saret taf b'din il-pretensjoni tal-attur. Mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-Awtorità appellata kienet taf bil-pretensjoni tal-attur sa mill-inqas mit-12 ta' Settembru 2007 *i.e.* ftit inqas minn seba' snin qabel ma nfetħu l-proċeduri tal-lum.

27. Minbarra dan, ma jirriżultax illi n-nuqqas ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel l-attur fetaħ il-kawża kien ser ibiddel xi ħaġa jew li b'xi mod kien ta' preġudizzju għall-Awtorità intimata.

[11] Ara *fol*. 31, 34

28. Id-deċiżjoni tal-ewwel qorti – li "*ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex saret bi ksur ta' dak li jitlob l-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta...*"[12] – għalhekk kienet waħda sproporzjonata fiċ-ċirkostanzi, partikolarment meta wieħed jikkunsidra l-għan wara l-proċedura li hemm f'dik id-dispożizzjoni.

29. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija din il-qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel qorti tal-25 ta' Frar 2016 u minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti għat-tkomplija tal-kawża.

30. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb

[12] Ara paġna 8 tas-sentenza appellata